MALTA

# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA' INGUSTIZZJI

## ONOR. IMHALLEF LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tas-26 ta' Mejju, 2004

Rikors Numru. 429/1997/1

Anthony Muscat Terribile
vs
Il-Korporazzjoni Maltija ghall-Izvilupp

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995 u b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta' l-1988 huwa sofra ingustizzja f'li gie trasferit mill-impjieg li kellu b'mod arbitrarju u ingust.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej:-

Ir-rikorrent kien impjegat regolari mal-MDC mill-1 ta' Mejju 1982. Kif inbidel il-Gvern fl-1987 kien beda jinghata hafna transfers ghall-postijiet differenti, gieli anke wara gurnata. Wara hmistax-il jum idur minn naha l-ohra kien gie mgieghel jiehu l-leave u t-time off. Kif spicca l-leave u t-time off kien gie nfurmat li l-job tieghu kien "frozen".

B'hekk ma nghatax it-temm ta' l-impjieg u l-anqas kien seta' biss jirregistra ghax-xoghol. Minhabba f'hekk kellu jsiefer lejn l-Ingilterra.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku u xhieda ohra ulterjuri.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lit-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji, u li jaghtih rimedju f'kumpens ta' flus li ma jeccedix l-ammont ta' Lm5,000 skond l-Att tal-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji.

Ra l-lista tax-xhieda prezentata mir-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**
Ra r-risposta tal-Korporazzjoni ghal Zvilupp ta' Malta li eccepiet:

Illi preliminarjament ir-rikors promotur huwa null stante li l-isem korrett ta' l-intimat kellu jkun dak indikat f'Kap. 202 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe` Korporazzjoni ghal Zvilupp ta' Malta jew bl-Ingliz Malta Development Corporation.

Illi bla pregudizzju ghas-suespost "il-fatti fil-qosor" kif elenkati fir-rikors huma sostanzjalment differenti minn kif irrizultaw lill-istess Korporazzjoni. Ir-rikorrent kien dahal fl-impjieg mal-Korporazzjoni fis-6 ta' Mejju 1987 u mhux fl-1 ta' Mejju 1982 kif indikat minnu fir-rikors. Fil-fatt huwa kien gie sekondat mad-Dipartiment ta' l-Agrikoltura bejn is-6 ta' Mejju 1987 u 12 ta' Mejju 1987 u effettivament kien beda jahdem mal-MDC fit-13 ta' Mejju 1987. Bejn it-18 ta' Mejju, 1987 u 19 ta' Gunju, 1987 kien inghata xi xoghol mal-Export Promotion Division tal-istess Korporazzjoni. Fl-istess perjodu r-rikorrent kien intbaghat ukoll ghall-intervista mal-Hotel Verdala bl-iskop li jigi sekondat fl-impjieg ma' din il-lukanda li dak iz-zmien kienet proprjeta` tal-Gvern. Izda l-manager tal-lukanda ma kienx sab lir-rikorrent adatt ghall-htigijiet tal-lukanda. Fl-istess perjodu r-rikorrent kien ghamel talba biex jittrasferixxi d-90 gurnata leave li ma kienx uza meta kien jahdem mad-Dipartiment

ta’ l-Agrikoltura u sussegwentement kien gie awtorizzat jiehu dan il-leave sakemm jinstab xoghol adattat ghalih. Fil-bidu ta’ Settembru 1987, il-Manager tal-Korporazzjoni, dak iz-zmien Dr. Noel Zarb Adami, kien gie infurmat mir-rikorrent li kellu hsieb jirrizenja mill-impjieg. Sussegwentement ir-rikorrent flok irrizenja mill-impieg kien talab lill-Korporazzjoni taghtih emigration leave ghal sitt xhur, liema talba kienet giet milquha.

Illi peress li r-rikorrent kien baqa’ barra mix-xoghol hafna aktar mis-sitt xhur unpaid leave li kien gie koncess lilu u peress li l-limitu massimu tal-emigration leave skond il-Collective Agreement vigenti huwa ta’ sitt (6) xhur (fil-fatt kien dam barra mix-xoghol bejn tlieta u erba’ snin), u peress li kull korrispondenza mibghuta lilu mill-Korporazzjoni kienet tigi mibghuta lura mhux miftuha, ir-rikorrent kien gie meqjus li abbanduna l-kuntratt ta’ impieg tieghu.

Illi ghar-ragunijiet suesposti, it-talbiet tar-rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghaldaqstant ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu.

Ra l-lista tax-xhieda prezentata mill-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema’ lix-xhieda bil-gurament.

Sema’ l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**KONKLUZJONIJIET:**
Illi l-eccezzjoni preliminari tal-Korporazzjoni intimata hija li r-rikors huwa null stante li l-isem korrett ta’ l-intimat kellu jkun dak indikat f’Kap. 202 tal-Ligijiet ta’ Malta u cioe` Korporazzjoni ghal Zvilupp ta’ Malta jew bl-Ingliz Malta Development Corporation.

Illi stranament fil-kors tal-kawza qatt ma ntalbet il-korrezzjoni necessarja u ghalkemm it-Tribunal jimxi bi ftit

linja aktar libera minn dak li solitu jsir fil-kawzi normali xorta wahda ma jistax jittraskura eccezzjoni ta' din in-natura.  Tali eccezzjoni tirrendi r-rikors odjern null.

It-Tribunal halla l-provi jsiru ghax minghajr ma jkun irid li b' xi mod jghin naha jew ohra xorta hass il-bzonn li jaghti l-fakulta` ta' trapass taz-zmien lir-rikorrent biex possibbilment jaghmel il-passi opportuni izda dan ma sarx u kwalunkwe rimedju li possibbilment seta' jaghti t-Tribunal kien ikun null u bla effett.  M' ghandux alternattiva hlief li jilqa' l-eccezzjoni preliminari dwar in-nullita` tar-rikors.

Minhabba n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------